TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/466/11/S

<u>Michael Cremona</u>
<u>Vs</u>
<u>Aplan Limited</u>

Illum 21 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michael Cremona pprezentata fit-3 ta'Novembru,2011 u r-risposta tas-socjeta Aplan Limited ipprezentata fit-30 ta'Dicembru,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz il-korrispondenza estensiva li ghaddiet bejn il-partijiet, kif ukoll sema' lill-istess partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda forn 'built-in' tat-tip Siemens li l-manki tieghu kienu qed jishnu wara certu hin. Din il-problema ma gietx kontestata daparti tas-socjeta konvenuta;

Illi fl-ewwel lok jinghad li r-responsabilita ta'dan il-kaz giet assunta mis-socjeta konvenuta kif spjegat fir-risposta taghha;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment sar fi zmien sentejn mix-xiri tal-prodott u ghalhekk irid jigi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' konformita skont il-ligi;

Illi l-ilment bdew mal-ewwel hekk kif il-forn beda' jintuza';

Illi l-artikolu 74(1) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta jistipula li l-kummercjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju lill-konsumatur ghal kull nuqqas ta' konformità fl-oggetti, liema nuqqas ta'konformita kienet tezisti meta l-oggetti gew konsenjati mill-kummercjant lill-konsumatur. Dan l-artikolu ighid ukoll li ghandu jkun il-konsumatur li jiddeciedi x'rimedju ghandu jitlob;

Illi s-soluzzjoni offerta mis-socjeta konvenuta, ma kintix accettabbli ghall-attur;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888

Illi l-partijiet ippruvaw jitransigu izda minghajr success.

Illi fir-rigward tal-allegata hsara fuq xi 'cabinets' tal-kcina, l-attur ma gab ebda prova f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad l-eccezzjoni tas-socjeta Aplan Limited u Jilqa' it-talba ta' Michael Cremona u Jordna lis-socjeta Aplan Limited biex tirrimpjazza l-forn imsemmi b'iehor gdid u simili u bl-istess specifikazzjonijiet u dan kollu minghajr hlas, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888